MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 14/2003

**Anthony Sultana**

**vs**

**George Fenech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-attur irrenda xoghol ta' kostruzzjoni lil konvenut fi propjeta' tal-konvenut li ghandu fi Triq Santa Lucija Kercem, Ghawdex.

Peress illi ta' dan ix-xoghol l-attur ghandu jiehu mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185).

Peress illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont minkejja li nterpellat diversi drabi.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. Jhallas lil attur is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185) kif fuq dovuta.

2. Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja spedita fil-15 ta' Jannar 2003 u ta' l-ittra ufficcjali ta' Jannar 2003. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex ix-xoghol ezegwit mill-attur ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha, tali mod u manjiera illi per konsegwenza l-esponenti sofra danni ingenti illi jibqghu bil-bosta kwalsiasi ammont pretiz mill-attur.

Ill l-attur ma jistax jippretendi hlas tax-xoghol malament ezegwit minnu qabel ma huwa jkun irrimedja ghan-nuqqas tieghu – cjoe' jaqla il-hitan mibija minnu, u jerga' jibnihom fuq ir-rih tal-hitan sottostante u mhux f'nofs il-wisa' tal-kamra sottostanti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra

Mhux ikkontestat li l-konvenut inkarika lill-attur jibnilu kamra fuq bejt biswit il-kaxxa tat-tarag, u li parti minn din ma nbnietx fuq il-hitan ta' taht imma nbniet fuq bejt mhux rinforzat apposta biex jiflah il-piz ta' hajt fuqu. L-anqas jidher li huwa kkontestat li dan il-hajt jista' jkun perikoluz u li mhux mibni skond is-sengha u l-arti. L-attur qieghed

jghid li huwa bena ezatt fejn indikalu l-konvenut; filwaqt li l-konvenut qieghed jichad li ordnalu jibni fejn bena l-attur.

Il-ligi taghna dwar l-appalt (Kodici Civili Artikoli 1633 sa 1643) hija siekta dwar il-grad ta' diligenza li jrid jadopera l-artigjan fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu. Ghalhekk japplikaw il-principji generali tal-ligi dwar l-obbligazzjonijiet.

Biex debitur ta' obbligazzjoni jista' jinzamm responsabbli ghan-nuqqas ta' adempjenza, huwa jrid ikun naqas li jesegwiha volontarjament jew b'nuqqas ta' diligenza. Skond Artiklu 1132 tal-Kodici Civili, il-grad ta' diligenza mehtieg fl-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni huwa dak tal-bonus paterfamilias u ghalhekk anke l-artigjan huwa responsabbli mhux biss ghal culpa lata imma wkoll ghall-culpa laevis. Il-Qorti tal-Kummerc, in re R Cutajar pro et noe vs G Portughes noe (24.1.1951 – XXXV.iii.528) stabbiliet li *Issa, l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu u hu responsabbli sa anke tal-kolpa ljevi.* Konness mal-kuncett ta' diligenza huwa dak tal-perizja u in konformita mal-principji generali tal-ligi il-grad ta' perizja mehtieg ghandu jkun dak normali. Fi kliem iehor, l-artiggjan ghandu jadopera dak il-livell ta' expertise and technical knowledge li artiggjan ordinarju ikun mistenni li juza fic-cirkostanzi partikolari tax-xoghol li jkun qieghed jaghmel.

Ir-responsabiltajiet tal-artiggjan gew elenkati fis-sentenza ***S De Carlo pro et noe vs E Cumbo et*** fejn il-Qorti tal-Appell (06.02.1956 – XL.i.485) stabbiliet li:

1. l-artiggjan irid jaghti garanzija kontra d-difetti ghax-xoghol li jaghmel.
2. huwa responsabbli anke ghal culpa laevis.
3. il-fatt li huwa jkun ghamel ix-xoghol taht id-direzzjoni tal-appaltant ma jezonerahx mir-responsabilta' ghax-xoghol li jaghmel.
4. jekk id-difett fix-xoghol huwa minhabba materjal difettuz, l-artiggjan huwa responsabbli jekk qabel beda x-xoghol kien jaf jew messu kien jaf li kien hemm dan id-difett fil-materjal.

***A Pisani vs C Debattista*** (18.05.1958 XLII.ii.1003) qalet li *l-appaltatur huwa dejjem responsabbli li jippresta opra sodisfacenti u obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe ntromissjoni tal-kommittent.* Uhud mis-sentenzi jemfasizzaw l-obbligu tal-appaltatur li jwissi lil min ikun qabbdu (XXXV.iii.528) jekk dan jindahallu kif jaghmel ix-xoghol, filwaqt li ohrajn isostnu li l-appaltatur ghandu jieqaf mix-xoghol (XLII.ii.1003).

Ghalhekk ftit jimporta f'dan il-kaz jekk l-attur mexiex fuq l-istruzzjonijiet tal-konvenut jew le. Bhala mghallem fis-sengha tieghu, l-attur kien obbligat almenu li jistaqsi jekk kienx hemm hajt taht fejn kien sejjer jibni, u, jekk jirrizulta li le, jwissi lill-konvenut bil-konsegwenzi – haga elementari li naqas milli jaghmel.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi in vista li x-xoghol ma giex esegwit ghal kollox skond is-sengha u l-arti, jilqa' in parti t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' LM140. Spejjez tal-kawza nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------